KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.9.2007
KUMM(2007) 504 finali

2007/0182 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. Qafas politiku u legali

Il-bażi legali għar-relazzjoni UE-Moldova hija l-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni, li kien iffirmat fit-28 ta' Novembru 1994 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998. L-FPK jistipula l-istruttura għal djalogu politiku regolari bejn il-partijiet, u jipprovdi għall-kooperazzjoni UE-Moldova fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, il-*money laundering* u d-drogi.

Wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP – *European Neighbourhood Policy*) għall-UE-Moldova fi Frar 2005, il-Moldova saret pajjiż imsieħeb fl-ENP. L-għan ta' l-ENP huwa li jiġi evitat il-ħolqien ta' linji diviżorji ġodda bejn l-UE u l-ġirien tagħha u sabiex l-istabbiltà, is-sigurtà u l-benesseri ta' kull min huwa kkonċernat jiġu msaħħa. Bl-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE, il-Moldova taqsam il-fruntieri ma' l-Unjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP jipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni sostanzjalment intensifikata bejn l-UE u l-Moldova fir-rigward tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijet Interni ta' l-24 ta' Lulju 2006 stieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri fi ħdan il-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill dwar il-possibbiltà li jinbdew negozjati għall-ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u r-riammissjoni mar-Repubblika tal-Moldova.

Fid-19 ta' Diċembru 2006 il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni awtorizza formalment lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehimiet mar-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viża. F'Jannar 2007 il-Kummissjoni għaddiet abbozz ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova lill-awtoritajiet ta' din ta' l-aħħar. In-negozjati nbdew fid-9 ta' Frar 2007 u l-ewwel laqgħa formali saret fi Brussell fl-istess ġurnata. Il-laqgħat ta' negozjati nżammew fi Brussell b'mod parallel ("*back-to-back*") man-negozjati g ħal ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża KE-Moldova. L-aħħar laqgħa formali ta' negozjati saret fis-17 ta' April 2007 li fiha ġew miftiehma l-kwistjonijiet kollha pendenti. It-test finali tal-ftehim ġie inizjalat f'Chisinau fil-25 ta' April 2007.

L-Istati Membri ġew informati fil-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill dwar l-eżitu tan-negozjati dwar ir-riamissjoni.

Min-naħa tal-Komunità, il-bażi legali tal-Ftehim huwa l-Artikolu 63(3)(b), flimkien ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat KE.

Il-proposti mehmuża jikkostitwixxu l-istrument legali għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim tar-riammissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat formalment dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skond l-Art. 300(3) tat-Trattat KE.

Id-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tistabbilixxi l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni mwaqqaf bl-Artikolu 18 tal-Ftehim. Skond l-Artikolu 18(5), il-kumitat tar-riammissjoni jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Bħal fil-każ tal-ftehimiet l-oħra ta' riammissjoni sa llum konklużi mill-Komunità, il-pożizzjoni tal-Komunità f'dan ir-rigward għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-

kumitat speċjali appuntat mill-Kunsill. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet oħra li għandhom jittieħdu mill-Kumitat Konġunt, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tiġi stabbilita skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat.

II. Ir-Riżultat tan-negozjati

Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-għanijiet iffissati mill-Kunsill fid-direttivi tagħha dwar in-negozjar intlaħqu u li l-abbozz tal-Ftehim dwar ir-Riammissjoni huwa aċċettabbli għall-Komunità.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

- Il-Ftehim huma mqassam fi tmien taqsimiet bi tlieta u għoxrin artikolu b'kollox. Fih ukoll sitt Annessi, li jifformaw parti integrali minnu u sitt dikjarazzjonijiet konġunti.

- L-obbligi ta' riammissjoni stipulati fil-Ftehim (Artikoli 2 u 5) huma abbozzati b'mod kompletament reċiproku, u jinkludu ċ-ċittadini tagħhom stess (Artikoli 2 u 4) kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3 u 5).

- L-obbligu li jiġu riammessi ċ-ċittadini tagħhom stess jinkludi wkoll dawk li qabel kienu ċittadini tagħhom u li ġew imċaħħda miċ-ċittadinanza jew irrinunzjaw għaliha mingħajr ma ħadu ċ-ċittadinanza ta' Stat ieħor.

- L-obbligu ta' riammissjoni fir-rigward taċ-ċittadini tagħhom stess ikopri wkoll il-membri tal-familja (jiġifieri l-konjugi u t-tfal minuri mhux miżżewġa) li jkollhom nazzjonalità differenti minn dik tal-persuna li għandha tiġi riammessa u li ma jkollhomx dritt indipendenti għar-residenza fl-Istat li jagħmel it-Talba.

- L-obbligu li jiġu riammessi ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikolu 3) huwa marbut mal-prerekwiżiti li ġejjin: (a) il-persuna kkonċernata jkollha jew kellha fiż-żmien tad-dħul, viża valida jew permess tar-residenza validu maħruġ mill-Istat Mitlub, jew (b) il-persuna kkonċernata tkun daħlet illegalment u direttament fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba wara li tkun waqfet fit-territorju ta' l-Istat Mitlub jew tkun għaddiet minnu. Eżentati minn dawn l-obbligi huma l-persuni fi tran żitu li jkunu qed jivvjaġġaw bl-ajru u l-persuni kollha li għalihom l-Istat li jagħmel it-Talba jkun ħareġ viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza qabel jew wara d-dħul fit-territorju tiegħu.

- Ir-Repubblika tal-Moldova taċċetta l-użu tad-dokument ta' l-ivvjaġġar standard ta' l-UE għall-finijiet ta' espulsjoni kemm għar-rigward taċ-ċittadini proprji, fil-każ ta' skadenza tat-terminu speċifikat, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat (Artikoli 2(4) u 3(3)), fil-każijiet kollha.

- Taqsima III tal-Ftehim (Artikoli 6 sa 12 flimkien ma' l-Annessi 1 sa 5) tinkludi d-dispożizzjonijiet tekniċi meħtieġa dwar il-proċedura ta' riammissjoni (il-formola u l-kontenut tat-talba għal riammissjoni, il-mezzi ta' prova, il-limiti ta' żmien, il-modalitajiet ta' trasferiment u l-metodi ta' trasport). Xi flessibilità proċedurali tiġi mill-fatt li ma tkun meħtieġa ebda riammissjoni f'każi li fihom il-persuna li tkun se tiġi riammessa jkollha passaport nazzjonali validu u, jekk hu jew hi jkun/tkun ċittadin/a ta' pajjiż terz, ikun/tkun ukoll fil-pussess ta' viża valida jew awtorizzazzjoni ta' residenza

ta' l-Istat li jkollu jaċċetta r-riammissjoni tiegħu jew tagħha (Artikolu 6(2)). Fit-tielet paragrafu tiegħu, l-Artikolu 6 fih element proċedurali ieħor importanti, l-hekk imsejħa proċedura aċċellerata, li sar ftehim dwarha għall-persuni li jinqabdu fir-"reġjun tal-fruntiera", jiġifieri f'żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u r-Repubblika tal-Moldova jew fi ħdan it-territorji ta' ajruporti Internazzjonali ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Moldova. Taħt il-proċedura aċċellerata, it-talbiet għal riammissjoni għandhom jiġu sottomessi, u t-tweġibiet għandhom jingħataw, fi żmien jumejn tax-xogħol filwaqt li taħt il-proċedura normali, il-limitu ta' żmien għat-tweġibiet huwa ta' 11-il jum tax-xogħol.

- Il-Ftehim fih taqsima dwar operazzjonijiet ta' tranżitu (Artikoli 13 u 14 flimkien ma' l-Anness 6).

- L-Artikoli 15 sa 17 għandhom ir-regoli meħtieġa dwar l-ispejjeż, il-protezzjoni tad-*data* u r-relazzjoni ma' obbligazzjonijiet Internazzjonali oħra.

- Il-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni għandu jiġi kompost, u jkollu x-xogħol u l-poteri, kif imfissra fl-Artikolu 18.

- Biex dan il-Ftehim jiġi eżegwit fil-prattika, l-Artikolu 19 joħloq il-possibbiltà għar-Repubblika tal-Moldova u l-Istati Membri individwali li jikkonkludu Protokolli bilaterali ta' implimentazzjoni. Ir-relazzjoni tal-Protokolli bilaterali ta' implimentazzjoni kif ukoll ta' ftehimiet bilaterali oħra ta' riamissjoni eżistenti bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Istati Membri individwali ma' dan il-Ftehim hija ċċarata bl-Artikolu 20.

- Id-dispożizzjonijiet finali (Art. 21 sa 23) jinkludu r-regoli meħtieġa dwar id-dħul fis-seħħ, it-terminu ta' żmien, l-emendi possibbli, is-sospensjoni, it-tmiem u l-istatus legali ta' l-Annessi tal-ftehim.

- Is-sitwazzjoni speċifika tad-Danimarka hija riflessa fil-preambolu, l-Artikoli 1(d), 21(2) u f'dikjarazzjoni konġunta mehmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Iżvizzera għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta' Schengen hija bl-istess mod riflessa f'dikjarazzjonijiet konġunti mal-Ftehim.

III. Konklużjonijiet

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi li l-Ftehim ikun iffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill sabiex jaħtar persuna/i bis-setgħa meħtieġa sabiex jiffirmaw f'isem il-Komunità;

- japprova, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Ftehim anness bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

2007/aaa (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[1],

BILLI:

(1) Bid-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

(2) In-negozjati għall-Ftehim saru bejn it-9 ta' Frar 2007 u s-17 ta' April 2007.

(3) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Ftehim inizjalat f'Chisinau fil-25 ta' April 2007 għandu jiġi ffirmat.

(4) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta magħha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Soġġett għall-konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

Magħmul fi Brussell, fil-…….....ta'.....2007.

[1] ĠU C

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0182 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3]

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni;

(2) Dan il-Ftehim ġie iffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-…..... 2007, soġġett g ħall-konklużjoni possibbli tiegħu aktar tard, skond id-Deċiżjoni ...../……./KE tal-Kunsill tal-[…..]

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa xieraq li tiġi prevista proċedura simplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Komunità f'dan il-każ.

(5) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

---

[2] ĠU C

[3]

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammmissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni qed jiġi hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 22 tal-Ftehim[4].

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni stabbilit bl-Artikolu 18 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 18 (5) tal-Ftehim g ħandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, fil-….....ta'.....2007.

Għall-Kunsill
Il-President

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar ir-Riammissjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-*Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Anness

ABBOZZ TA' FTEHIM

BEJN

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

U

R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

DWAR IR-RIAMMISSJONI TA' PERSUNI LI JIRRESJEDU

MINGĦAJR AWTORIZZAZZJONI

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità",

u

R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA, minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "l-Moldova",

Determinati li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom sabiex jikkumbattu l-immigrazzjoni illegali b'mod iktar effettiv,

Xewqana li jistabbilixxu, permezz ta' dan il-Ftehim u fuq il-bażi ta' reċiproċità, proċeduri mgħa ġġla u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn sikur u ordinat ta' persuni li ma jissodisfawx, jew m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, il-preżenza, jew ir-residenza fit-territorji tal-Moldova jew wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' dawn il-persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni;

Bl-enfasi li dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet li l-Komunità, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Moldova għandhom skond il-Liġi Internazzjonali, u, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-4 ta' Novembru 1950 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u l-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1984 kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra;

Filwaqt li jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fl-ambitu tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka, skond il-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) *"Partijiet Kontraenti"* għandha tfisser il-Moldova u l-Komunità;

(b) *"Ċittadin tal-Moldova"* għandha tfisser kwalunkwe persuna li jkollha ċ-ċittadinanza tar-Repubblika tal-Moldova;

(c) *"Ċittadin ta' Stat Membru"* għandha tfisser kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza, kif definita għall-għanijiet tal-Komunità, ta' Stat Membru;

(d) *"Stat Membru"* għandha tfisser kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka;

(e) *"Ċittadin ta' pajjiż terz"* għandha tfisser kull persuna b'nazzjonalità li m'hijiex tal-Moldova jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri;

(f) *"Persuni mingħajr stat"* għandha tfisser kull persuna li ma jkollhiex nazzjonalità;

(g) *"Permess ta' residenza"* għandha tfisser permess ta' kull tip maħruġ mill-Moldova jew minn wieħed mill-Istati Membri li jagħti dritt lil persuna sabiex tirresjedi fit-territorju tag ħha/tiegħu. Dan għandu jinkludi permessi temporanji biex jibqa' fit-territorju tagħha/tiegħu marbuta ma' l-ipproċessar ta' talba għall-ażil jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(h) *"Punt ta' qsim tal-fruntiera"* għandha tfisser kull punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Moldova jew l-Istati Membri għall-finijiet ta' qsim tal-fruntieri rispettivi tagħhom, inklużi ajruporti Internazzjonali;

(i) *"Viża"* għandha tfisser awtorizzazzjoni maħruġa jew deċiżjoni meħuda mill-Moldova jew minn wieħed mill-Istati Membri li hija meħtieġa għad-dħul, jew għat-tranżitu, fit-territorju tagħha/tiegħu. Din m'għandhiex tinkludi il-viża tat-tranżitu ta' l-ajruport;

(j) *"L-Istat li jagħmel it-Talba"* għandha tfisser l-Istat (il-Moldova jew wieħed mill-Istati Membri) li jissottometti talba għal riammissjoni skond l-Artikolu 7 jew talba għal tranżitu skond l-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim;

(k) *"L-Istat Mitlub"* għandha tfisser l-Istat (il-Moldova jew wieħed mill-Istati Membri) indirizzat b'talba għal riammissjoni skond l-Artikolu 7 jew talba għal tranżitu skond l-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim;

(l) *"Awtorità Kompetenti"* għandha tfisser kull awtorità nazzjonali tal-Moldova jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri inkarigata bl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim skond l-Artikolu 19(1) lit. a) tiegħu.

(m) *"Reġjun tal-fruntiera"* għandha tfisser iż-żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u l-Moldova, kif ukoll it-territorji ta' ajruporti Internazzjonali ta' l-Istati Membri u tal-Moldova.

(n) *"Tranżitu"* għandha tfisser il-passaġġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mit-territorju ta' l-Istat Mitlub meta jkun qed jivvjaġġa mill-Istat li jagħmel it-Talba għall-pajjiż tad-destinazzjoni.

Taqsima I. Obbligi ta' riammissjoni mill-MOLDOVA

Artikolu 2

Riammissjoni ta' ċittadini proprji

(1) Il-Moldova għandha taċċetta r-riammissjoni, fuq talba ta' Stat Membru u mingħajr ebda formalitajiet oħra barra minn dawk imsemmija f'dan il-Ftehim, tal-persuni kollha li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru li jagħmel it-Talba kemm-il darba, skond l-Artikolu 8, tingħata prova, jew ikun jista' jiġi validament preżunt fuq il-bażi ta' prova *prima facie* miġjuba, li dawn ikunu ċittadini tal-Moldova.

(2) Il-Moldova għandha taċċetta wkoll ir-riammissjoni ta':

- it-tfal minuri mhux miżżewġa tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, indipendentement mill-post tat-twelid tagħhom jew in-nazzjonalità tagħhom, sakemm ma jkollhomx dritt ta' residenza indipendenti fl-Istat Membru li jagħmel it-Talba;

- il-konjugi, li jkollhom nazzjonalità oħra, tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm dawn ikollhom id-dritt li jidħlu u jibqgħu jew jieħdu d-dritt li jidħlu u jibqgħu fit-territorju tal-Moldova, sakemm dawn ma jkollhomx dritt ta' residenza indipendenti fl-Istat Membru li jag ħmel it-Talba.

(3) Il-Moldova għandha tilqa' mill-ġdid ukoll persuni li jkunu ġew imċaħħda, jew li jkunu rrinunzjaw għan-nazzjonalità tal-Moldova sa minn meta jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm dawn il-persuni ma jkunux ġew ta' l-inqas imwiegħda n-naturalizzazzjoni minn Stat Membru.

(4) Wara li l-Moldova tagħti tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, il-Missjoni Diplomatika kompetenti jew l-Uffiċċju Konsulari tal-Moldova għandha/għandu b'mod immedjat u mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol, joħroġ id-dokument ta' l-ivvjaġġar meħtieġ għar-ritorn tal-persuna li għandha tiġi riammessa, b'validità ta' tliet xhur bħala minimu. Jekk, għal xi raġunijiet ta' dritt jew ta' fatt, il-persuna kkonċernata ma tistax tiġi trasferita fi żmien il-perjodu ta' validità tad-dokument ta' l-ivvjaġġar inizjalment maħruġ, il-Missjoni Diplomatika kompetenti jew l-Uffiċċju Konsulari tal-Moldova għandha/għandu, fi żmien 14-il jum kalendarju, joħroġ dokument ta' l-ivvjaġġar ġdid bl-istess tul ta' żmien bħala perjodu ta' validità. Jekk il-Moldova ma tkunx ħarġet id-dokument ta' l-ivvjaġġar ġdid fi żmien 14-il jum kalendarju, hija tiġi meqjusa li tkun aċċettat l-użu tad-dokument ta' l-ivvjaġġar standard ta' l-UE għal finijiet ta' espulsjoni.[5].

(5) Fil-każ li l-persuna li tkun se tiġi riammessa jkollha n-nazzjonalità ta' Stat terz b'żieda man-nazzjonalità tal-Moldova, l-Istat Membru li jagħmel it-Talba għandu jqis il-volontà tal-persuna li għandha tiġi riammessa fir-rigward ta' l-għażla tiegħu/tagħha.

[5] Skond l-għamla stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE tat-30 ta' Novembru 1994.

Artikolu 3

Riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Il-Moldova għandha taċċetta mill-ġdid, fuq talba ta' Stat Membru u mingħajr ebda formalitajiet oħra barra minn dawk imsemmija f'dan il-Ftehim, lill-persuni kollha b'nazzjonalità ta' pajjiż terz jew li ma jkollhomx stat li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru li jagħmel it-Talba kemm-il darba, skond l-Artikolu 9, issir prova, jew ikun jista' jiġi validament preżunt fuq il-bażi ta' prova *prima facie* miġjuba, li dawn il-persuni

a) għandhom, jew fi żmien id-dħul kellhom, viża valida jew permess ta' residenza maħruġ mill-Moldova;

jew

b) ikunu daħlu illegalment u direttament mill-Moldova fit-territorju ta' l-Istati Membri wara li jkunu waqfu fit-territorju tal-Moldova jew għaddew minnu.

(2) L-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 ma japplikax jekk

a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kien biss fi tranżitu ta' l-ajru minn Ajruport Internazzjonali tal-Moldova; jew

b) l-Istat li jagħmel it-Talba jkun ħareġ liċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew lill-persuna mingħajr stat viża jew permess ta' residenza qabel jew wara d-dħul fit-territorju tiegħu sakemm

- dik il-persuna ma jkollhiex viża jew permess ta' residenza, maħruġa mill-Moldova, b'perjodu itwal ta' validità; jew

- il-viża jew il-permess ta' residenza maħruġ mill-Istat li jagħmel it-Talba ma tkunx/jkunx ġie/t akkwistat/a bl-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati, jew permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz, jew

- dik il-persuna tonqos milli tosserva kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-viża.

(3) Wara li l-Moldova tkun tat tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, l-Istat li jag ħmel it-Talba għandu jipprovdi lill-persuna li r-riammissjoni tagħha tkun ġiet aċċettata b'dokument ta' l-ivvjaġġar standard ta' l-UE għall-finijiet ta' espulsjoni[6].

Taqsima II.

Obbligi ta' riammissjoni mill-KomunitÀ

Artikolu 4

[6] Skond l-għamla stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE tat-30 ta' Novembru 1994.

Riammissjoni ta' ċittadini proprji

(1) Stat Membru għandu jaċċetta mill-ġdid, fuq talba tal-Moldova u mingħajr ebda formalitajiet oħra barra minn dawk imsemmija f'dan il-Ftehim, lill-persuni kollha li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju tal-Moldova kemm-il darba, skond l-Artikolu 8, issir prova, jew ikun jista' jiġi validament preżunt fuq il-bażi ta' prova *prima facie* miġjuba, li dawn ikunu ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

(2) Stat Membru għandu jaċċetta wkoll ir-riammissjoni ta':

- it-tfal minuri mhux miżżewġa tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, indipendentement mill-post tat-twelid tagħhom jew in-nazzjonalità tagħhom, sakemm ma jkollhomx dritt ta' residenza indipendenti fil-Moldova;

- il-konjugi, li jkollhom nazzjonalità oħra, tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm dawn ikollhom id-dritt li jidħlu u jibqgħu jew jieħdu d-dritt li jidħlu u jibqgħu fit-territorju ta' l-Istat Membru Mitlub, sakemm dawn ma jkollhomx dritt ta' residenza indipendenti fil-Moldova;

(3) Stat Membru għandu jilqa' mill-ġdid ukoll persuni li jkunu ġew imċaħħda, jew li jkunu rrinunzjaw għan-nazzjonalità ta' Stat Membru sa minn meta jidħlu fit-territorju tal-Moldova, sakemm dawn il-persuni ma jkunux ġew ta' l-inqas imwiegħda n-naturalizzazzjoni mill-Moldova.

(4) Wara li l-Istat Membru Mitlub jagħti tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, il-Missjoni Diplomatika kompetenti jew l-Uffiċċju Konsulari ta' dak l-Istat Membru għandha/għandu b'mod immedjat u mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol, toħroġ/joħroġ id-dokument ta' l-ivvjaġġar meħtieġ għar-ritorn tal-persuna li għandha tiġi riammessa, b'validità ta' tliet xhur bħala minimu. Jekk, għal xi raġunijiet ta' dritt jew ta' fatt, il-persuna kkonċernata ma tistax tiġi trasferita fi żmien il-perjodu ta' validità tad-dokument ta' l-ivvjaġġar inizjalment ma ħruġ, il-Missjoni Diplomatika kompetenti jew l-Uffiċċju Konsulari ta' dak l-Istat Membru għandha/għandu, fi żmien 14-il jum kalendarju, toħroġ/joħroġ dokument ta' l-ivvjaġġar ġdid bl-istess tul ta' żmien bħala perjodu ta' validità.

(5) Fil-każ li l-persuna li tkun se tiġi riammessa jkollha n-nazzjonalità ta' Stat terz b'żieda ma' dik ta' l-Istat Membru Mitlub, il-Moldova għandu jqis il-volontà tal-persuna li għandha tiġi riammessa fir-rigward ta' l-għażla tiegħu/tagħha.

Artikolu 5

Riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Stat Membru għandu jaċċetta mill-ġdid, fuq talba tal-Moldova u mingħajr ebda formalitajiet oħra barra minn dawk imsemmija f'dan il-Ftehim, lill-persuni kollha b'nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jew li ma jkollhomx stat li ma jissodisfawx, jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju tal-Moldova kemm-

il darba, skond l-Artikolu 9, issir prova, jew ikun jista' jiġi validament preżunt fuq il-bażi ta' prova *prima facie* miġjuba, li dawn il-persuni

a) għandhom, jew fi żmien id-dħul kellhom, viża valida jew permess ta' residenza maħruġ mill-Istat Membru Mitlub;

jew

b) ikunu daħlu illegalment u direttament fit-territorju tal-Moldova wara li jkunu waqfu fit-territorju ta' l-Istat Membru Mitlub jew għaddew minnu.

(2) L-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 ma japplikax jekk

a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kien biss fi tranżitu ta' l-ajru minn ajruport Internazzjonali ta' l-Istat Membru Mitlub; jew

b) Il-Moldova tkun ħarġet liċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew lill-persuna mingħajr stat viża jew permess ta' residenza qabel jew wara d-dħul fit-territorju tagħha sakemm

- dik il-persuna ma jkollhiex viża jew permess ta' residenza, maħruġ mill-Istat Membru Mitlub, b'perjodu itwal ta' validità; jew

- il-viża jew il-permess ta' residenza maħruġ/a mill-Moldova tkun/jkun inkisbet/inkiseb bl-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati, jew permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz, jew

- dik il-persuna tonqos milli tosserva kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-viża.

(3) L-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 huwa għall-Istat Membru li ħareġ il-viża jew il-permess ta' residenza. Jekk tnejn jew aktar Stati Membri jkunu ħarġu viża jew permess ta' residenza, l-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 ikun għall-Istat Membru li joħroġ id-dokument bl-itwal perjodu ta' validità jew, jekk wieħed jew aktar mid-dokumenti jkunu diġà skadew, id-dokument li jkun għadu validu. Jekk id-dokumenti kollha jkunu diġa' skadew, l-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 ikun ta' dak l-Istat Membru li ħareġ id-dokument bid-data ta' skadenza l-aktar riċenti. Jekk dawn id-dokumenti ma jkunux jistgħu jiġu prodotti, l-obbligu ta' riammissjoni fil-paragrafu 1 huwa ta' l-Istat Membru li minnu jkun sar l-aħħar ħruġ.

(4) Wara li l-Istat Mitlub ikun ta tweġiba pożittiva għat-talba ta' riammissjoni, il-Moldova g ħandha tipprovdi lill-persuna li r-riammissjoni tagħha tkun ġiet aċċettata bid-dokument ta' l-ivvjaġġar meħtieġ għar-ritron tiegħu jew tagħha.

Taqsima III. Proċedura ta' riammissjoni

Artikolu 6

Prinċipji

(1) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2, kull trasferiment ta' persuna li ser tiġi riammessa fuq

il-bażi ta' wieħed mill-obbligi ta' l-Artikoli 2 sa 5 għandu jeħtieġ is-sottomissjoni ta' talba għal riammissjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub.

(2) Ebda talba għal riammissjoni ma tkun meħtieġa meta l-persuna li għandha tiġi riammessa jkollha dokument ta' l-ivvjaġġar validu u, fil-każ li dik il-persuna tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew mingħajr stat, ikollha, fejn applikabbli, viża valida jew permess ta' residenza validu ta' l-Istat Mitlub.

(3) *Jekk persuna tinstab fir-reġjun tal-fruntiera (inklużi ajruporti) ta' l-Istat li jagħmel it-Talba wara li tkun qasmet illegalment il-fruntiera direttament mit-territorju ta' l-Istat Mitlub, l-Istat li jagħmel it-Talba jista' jissottometti talba ta' riammissjoni fi żmien jumejn minn meta din il-persuna tkun ġiet misjuba (proċedura aċċellerata).*

Artikolu 7

Kontenut tat-talba ta' Riammissjoni

(1) Safejn hu possibbli, it-talba għal riammissjoni għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

id-dettalji tal-persuna li għandha tiġi riammessa (per eżempju l-ismijiet mogħtija, il-kunjomijiet, id-data tat-twelid u – fejn possibbli – il-post tat-twelid, u l-aħħar post ta' residenza) u, fejn applikabbli, id-dettalji tat-tfal minuri mhux miżżewġa u/jew tal-konjugi;

tingħata indikazzjoni tal-mezzi li permezz tagħhom issir il-prova jew il-prova *prima facie* tan-nazzjonalità, it-tranżitu, ir-raġunijiet tar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat u d-dħul u r-residenza kontra l-liġi.

(2) Safejn possibbli, it-talba ta' riammissjoni għandha tinkludi wkoll l-informazzjoni li ġejja:

a) dikjarazzjoni li tindika li l-persuna li ser tiġi trasferita jista' jkollha bżonn għajnuna jew kura, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun qablet b'mod espliċitu mad-dikjarazzjoni;

b) kwalunkwe protezzjoni oħra, miżura ta' sigurtà jew informazzjoni dwar is-saħħa tal-persuna, li jistgħu jkunu meħtieġa fil-każ ta' trasferiment individwali.

(3) Formola komuni li għandha tintuża għat-talbiet għal riammissjoni hija mehmuża bħala Anness 5 ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Mezzi ta' prova dwar in-nazzjonalità

(1) In-nazzjonalità skond l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 4(1) tista' tiġi pprovata permezz tad-dokumenti elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim, anke jekk il-perjodu ta' validità tagħhom ikun skada. Jekk dokumenti bħal dawn jkunu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Moldova għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku n-nazzjonalità mingħajr ħtieġa ta' investigazzjoni ulterjuri. Il-prova tan-nazzjonalità ma tistax issir permezz ta' dokumenti foloz.

(2) Prova *prima facie* tan-nazzjonalità skond l-Arikolu 2(1) u l-Artikolu 4(1) tista' ssir partikolarment permezz tad-dokumenti elenkati fl-Anness 2 ta' dan il-Ftehim, anke jekk il-perjodu ta' validità tagħhom ikun skada. Jekk dawn id-dokumenti jiġu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Moldova għandhom iqisu li n-nazzjonalità tkun ġiet stabbilita, sakemm ma jkunux jistgħu jipprovaw mod ieħor. Prova *prima facie* tan-nazzjonalità ma tistax issir permezz ta' dokumenti foloz.

(3) Jekk l-ebda wieħed mid-dokumenti elenkati fl-Anness 1 jew 2 ma jkun jista' jiġi ppre żentat, il-Missjoni Diplomatika kompetenti jew l-Uffiċċju Konsulari ta' l-Istat Mitlub ikkon ċernat għandha/għandu, meta mitlub/a, tagħmel/jagħmel l-arranġamenti ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-Talba biex il-persuna li għandha tiġi riammessa tiġi intervistata mingħajr dewmien, mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol mill-jum li fih tkun saret it-talba, sabiex in-nazzjonalità tiegħu jew tagħha tiġi stabbilita.

Artikolu 9

Mezzi ta' prova dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Il-prova tar-raġunijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat stipulata fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5(1) tista' b'mod partikolari ssir permezz tal-mezzi ta' prova elenkati fl-Anness 3 ta' dan il-Ftehim; din ma tistax issir permezz ta' dokumenti foloz. Kull prova bħal din għandha tkun rikonoxxuta b'mod reċiproku mill-Istati Membri u mill-Moldova mingħajr il-ħtieġa ta' aktar verifika.

(2) Il-prova *prima facie* tar-raġunijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat stipulata fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5(1) tista' b'mod partikolari ssir permezz tal-mezzi ta' prova elenkati fl-Anness 4 ta' dan il-Ftehim; din ma tistax issir permezz ta' dokumenti foloz. Fejn prova *prima facie* bħal din hija preżentata, l-Istati Membri u l-Moldova g ħandhom iqisu li r-raġunijiet ikunu ġew stabbiliti, sakemm ma jkunux jistgħu jipprovaw mod ie ħor.

(3) L-illegalità tad-dħul, tal-preżenza jew tar-residenza għandha tkun stabbilita permezz tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tal-persuna kkonċernata li fihom ma tirriżultax il-viża meħtieġa jew permess ieħor ta' residenza fit-territorju ta' l-Istat li jagħmel it-Talba. Dikjarazzjoni mill-Istat li jagħmel it-Talba li l-persuna kkonċernata nstabet mingħajr id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar, il-viża jew il-permess ta' residenza meħtieġa għandha wkoll tkun ta' prova *prima facie* tad-dħul, il-pre żenza jew ir-residenza illegali.

Artikolu 10

Limiti ta' żmien

(1) L-applikazzjoni għar-riammissjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub fi żmien massimu ta' sitt xhur minn meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li jagħmel it-Talba jkollha għarfien li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma

jissodisfax/tissodisfax, jew m'għadhux/hiex jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjonijiet fis-seħħ għad-d ħul, il-preżenza jew ir-residenza. Fejn ikun hemm ostakli ta' liġi jew ta' fatt li jżommu t-talba milli ssir fil-ħin, it-terminu ta' żmien għandu, fuq talba ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, jiġi estiż i żda dan biss sakemm l-ostakli ma jibqgħux jeżistu.

(2) Għandha ssir tweġiba bil-miktub għal talba ta' riammissjoni

- fi żmien jumejn tax-xogħol, jekk it-talba tkun saret taħt il-proċedura aċċellerata (Artikolu 6(3));

- fi żmien ħdax-il jum fil-każijiet l-oħra kollha.

Dawn it-termini ta' żmien jibdew jiddekorru mid-data tal-wasla tat-talba ta' riammissjoni. Jekk ma jkunx hemm tweġiba f'dan it-terminu ta' żmien, it-trasferiment ikun meqjus li jkun ġie miftiehem.

(3) Fejn ikun hemm ostakli ta' liġi jew ta' fatt għat-tweġiba għat-talba fi ħdax-il jum tax-xog ħol, dan it-terminu ta' żmien jista', fuq talba motivata kif xieraq, jiġi estiż b'massimu ta' jumejn tax-xogħol. Jekk ma jkunx hemm tweġiba f'dan it-terminu ta' żmien estiż, it-trasferiment ikun meqjus li jkun ġie miftiehem.

(4) Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal deċiżoni li tiċħad talba ta' riammissjoni.

(5) Wara li jsir il-ftehim jew, fejn applikabbli, wara l-iskadenza tat-terminu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 2, il-persuna kkonċernata għandha tiġi ttrasferita fi żmien tliet xhur. Fuq talba ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, dan it-terminu ta' żmien jista' jiġi estiż biż-żmien meħud sabiex jiġu ttrattati l-ostakli legali jew prattiċi.

Artikolu 11

Modalitajiet tat-trasferiment u modi ta' trasportazzjoni

(1) Qabel tintbagħat persuna lura, l-awtoritajiet kompetenti tal-Moldova u ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jagħmlu l-arranġamenti bil-miktub u bil-quddiem rigward id-data tat-trasferiment, il-punt tal-qsim tal-fruntiera, l-iskorta li jista' jkun hemm u informazzjoni oħra rilevanti għat-trasferiment.

(2) It-trasportazzjoni tista' ssir bl-ajru jew fuq l-art. Ir-ritorn bl-ajru m'għandux jiġi ristrett g ħall-użu tal-linji nazzjonali tal-Moldova jew ta' l-Istati Membri u jista' jsir bl-użu ta' titjiriet skedati jew titjiriet *charter*. Fil-każ ta' ritorni bi skorta, dawn l-iskorti m'għandhomx jiġu ristretti għal persuni awtorizzati ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, bil-kundizzjoni li dawn ikunu persuni awtorizzati mill-Moldova jew kwalunkwe Stat Membru.

Artikolu 12

Riammissjoni bi żball

L-Istat li jagħmel it-Talba għandu jieħu lura kwalunkwe persuna riammessa mill-Istat Mitlub jekk jiġi stabbilit, fi żmien tliet xhur wara t-trasferiment tal-persuna kkonċernata, li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim m'humiex sodisfatti.

F'dawn il-każi d-dispożizzjonijiet proċedurali ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw *mutatis mutandis* u għandu jiġi pprovdut t-tagħrif disponibbli kollu li jirrigwarda l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna li għandha tittieħed lura.

Taqsima IV. Operazzjonijiet ta' tranżitu

Artikolu 13

Prinċipji

(1) L-Istati Membri u l-Moldova għandhom jirrestringu t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat għall-każijiet fejn dawn il-persuni ma jistgħux jintbagħtu lura direttament lejn l-Istat tad-destinazzjoni.

(2) Il-Moldova għandha tippermetti t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jekk l-Istat Membru jitlob dan, u Stat Membru għandu jawtorizza t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jekk il-Moldova titlob dan, kemm-il darba l-ivvjaġġar minn Stati oħra ta' tranżitu li jista' jkun hemm u r-riammissjoni mill-Istat ta' destinazzjoni jkunu assigurati.

(3) It-tranżitu jista' jiġi rifjutat mill-Moldova jew minn Stat Membru:

a) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat huwa f'riskju reali li jkun suġġett għal tortura jew trattament jew pieni inumani jew degradanti jew għall-piena tal-mewt jew għall-persekuzzjoni minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità u s-sħubija tiegħu f'xi grupp soċjali partikolari jew ta' konvinzjoni politika partikolari fl-Istat tad-destinazzjoni jew Stat ieħor ta' tranżitu; jew

b) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ikun soġġett għal sanzjonijiet kriminali fl-Istat Mitlub jew f'xi Stat ieħor ta' tranżitu; jew

c) minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, sigurtà domestika, ordni pubbliku jew interessi nazzjonali oħra ta' l-Istat Mitlub.

(4) Il-Moldova jew Stat Membru tista' tirrevoka kull awtorizzazzjoni maħruġa jekk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 3 jirriżultaw jew jiġu fid-deher aktar tard li jkunu ta' xkiel fl-operazzjoni ta' tranżitu, jew jekk l-ivvjaġġar minn Stati ta' tranżitu li jista' jkun hemm jew ir-riammissjoni mill-Istat ta' destinazzjoni ma jkunx/tkunx aktar assigurat/a. F'dan il-każ, l-Istat li jagħmel it-Talba għandu jieħu lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat, kif meħtieġ u mingħajr dewmien.

Artikolu 14

Il-proċedura tat-tranżitu

(1) Talba għal operazzjonijiet ta' tranżitu għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Mitlub u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

a) it-tip ta' tranżitu (bl-ajru jew fuq l-art), Stati oħra ta' tranżitu li jista' jkun hemm u d-destinazzjoni finali intiża;

b) id-dettalji tal-persuna kkonċernata (eżempju l-isem mogħti, il-kunjom, il-kunjom tax-xbubija, ismijiet oħra użati/li bihom hija magħrufa jew psewdonimi, id-data tat-twelid, is-sess u - fejn possibbli - il-post tat-twelid, in-nazzjonalità, il-lingwa, it-tip u n-numru tad-dokument ta' l-ivvjaġġar);

c) il-punt tal-qsim tal-fruntiera pprevedut, il-ħin tat-trasferiment u l-użu ta' l-iskorti li jista' jkun hemm;

d) dikjarazzjoni li fil-fehma ta' l-Istat li jagħmel it-Talba, il-kundizzjonijiet skond l-Artikolu 13(2) huma sodisfatti, u li ebda raġuni għal ċaħda skond l-Artikolu 13(3) ma tkun magħrufa.

Formola komuni li għandha tintuża għat-talbiet ta' tranżitu hija mehmuża bħala l-Anness 6 ma' dan il-Ftehim.

(2) L-Istat Mitlub għandu, fi żmien erbat ijiem tax-xogħol, jinforma bil-miktub lill-Istat li jagħmel it-Talba bl-ammissjoni, u jikkonferma l-punt tal-qsim tal-fruntiera u l-ħin maħsub ta' l-ammissjoni, jew jinfurmah bid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' l-ammissjoni u r-raġunijiet għal din iċ-ċa ħda.

(3) Jekk l-operazzjoni ta' tranżitu ssir bl-ajru, il-persuna li għandha tiġi riammessa u l-iskorti li jista' jkun hemm għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jiksbu viża ta' tranżitu ta' l-ajruport.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Mitlub għandhom, wara konsultazzjonijiet reċipro ċi, jassistu fl-operazzjonijiet ta' tranżitu, partikolarment permezz tas-sorveljanza tal-persuni kkonċernati u l-għoti ta' faċilitajiet xierqa għal dak l-iskop.

Taqsima V. Spejjeż

Artikolu 15

Trasport u spejjeż tat-tranżitu

Mingħajr ħsara għad-dritt ta' l-awtoritajiet kompetenti sabiex jirkupraw l-ispejjeż marbuta mar-riammissjoni mill-persuna li għandha tiġi riammessa jew partijiet terzi, l-ispejjeż kollha tat-trasport minfuqa li huma relatati mar-riammissjoni u l-operazzjonijiet ta' tranżitu skond dan il-Ftehim sal-fruntiera ta' l-Istat tad-destinazzjoni finali għandhom jitħallsu mill-Istat li jagħmel it-Talba.

Taqsima VI. Il-protezzjoni tad-data u l-klawsola ta' nuqqas ta' effett

Artikolu 16

Il-Protezzjoni tad-*Data*

Il-komunikazzjoni ta' *data* personali għandha sseħħ biss jekk komunikazzjoni bħal din hija meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Moldova jew Stat Membru skond il-każ. L-ipproċessar u t-trattament ta' *data* personali f'każ partikolari għandhom ikunu soġġetti għal-liġijiet domestiċi tal-Moldova u, fejn il-kontrollur ikun awtorità kompetenti ta' Stat Membru, għad-disposizzjonijet tad-Direttiva 95/46/KE[7] u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru adottata skond din id-Direttiva. Għandhom japplikaw ukoll il-prinċipji li ġejjin:

a) id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod ġust u legali;

b) id-*data* personali għandha tinġabar għall-għan speċifiku, espliċitu u leġittimu ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ma tistax terġa' tiġi pproċessata mill-awtorità li tkun qed tikkomunikaha u lanqas mill-awtorità li tkun qed tirċiviha b'mod inkompatibbli ma' dak l-għan;

c) id-*data* personali għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni ma' l-għan li għalih tinġabar u/jew tkun ipproċessata aktar; partikolarment, *data* personali komunikata tista' tikkonċerna biss dan li ġej:

– id-dettalji tal-persuna li għandha tiġi ttrasferita (eżempju ismijiet mogħtija, kunjomijiet, kwalunkwe ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom tkun magħrufa jew psewdonimi, is-sess, l-status ċivili, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità preżenti u kwalunkwe nazzjonalità preċedenti);

– il-passaport, il-karta ta' l-identità jew il-liċenzja tas-sewqan (in-numru, il-perjodu ta' validità, id-data tal-ħruġ, l-awtorità li toħroġ id-dokument, il-post tal-ħruġ);

– waqfiet u itinerarji;

– informazzjoni oħra meħtieġa sabiex il-persuna li għandha tiġi ttrasferita tiġi identifikata jew sabiex jiġu eżaminati r-rekwiżiti ta' riammissjoni skond dan il-Ftehim.

d) id-*data* personali għandha tkun eżatta u, fejn meħtieġ, aġġornata.

e) id-*data* personali għandha tinżamm b'mod li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal żmien li ma jkunx iktar milli huwa meħtieġ għall-għan li għalih id-*data*

[7] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-*data* (ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31).

tkun ġiet miġbura jew li għalih tkun ġiet proċessata iktar;

f) kemm l-awtorità li tikkomunika u kif ukoll l-awtorità li tkun qed tirċievi għandhom jie ħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw kif ikun xieraq ir-rettifika, it-tħassir jew it-twaqqif ta' *data* personali fejn l-ipproċessar ma jkunx jikkonforma mad-dispo żizzjonijiet ta' dan l-artikolu, b'mod partikolari minħabba li d-*data* ma tkunx adegwata, rilevanti, preċiża, jew tkun eċċessiva fl-isfond ta' l-għan ta' l-ipproċessar. Din tinkludi n-notifika ta' kwalunkwe rettifika, tħassir jew twaqqif lill-Parti l-oħra.

g) fuq talba, l-awtorità li tirċievi għandha tinforma lill-awtorità li tikkomunika bl-użu tad-*data* kkomunikata u bir-riżultati miksuba minnha;

h) id-*data* personali tista' tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet kompetenti. Komunikazzjoni ulterjuri lil korpi oħra tinħtieġ il-kunsens minn qabel tal-awtorità li tikkomunika;

i) l-awtoritajiet li jikkomunikaw u li jirċievu huma obbligati li jagħmlu reġistrazzjoni bil-miktub tal-komunikazzjoni u tal-ksib tad-*data* personali.

Artikolu 17

Klawsola ta' nuqqas ta' effett

(1) Dan il-Ftehim għandu jkun bla ħsara għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Komunità, l-Istati Membri u l-Moldova taħt il-Liġi Internazzjonali u, b'mod partikolari, minn

– il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati kif emendata bil-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati;

– konvenzjonijiet internazzjonali li jiddeterminaw l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talbiet g ħall-ażil sottomessi;

– il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-4 ta' Novembru 1950 għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

– il-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1984 kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti;

– konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-estradizzjoni u t-tranżitu;

– konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali u ftehimiet dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini barranin.

(2) Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jimpedixxi r-ritorn ta' persuna taħt arranġamenti formali jew informali oħra.

Taqsima VII. Implimentazzjoni u applikazzjoni

Artikolu 18

Kumitat konġunt tar-riammissjoni

(1) Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lil xulxin assistenza reċiproka fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru kumitat konġunt tar-riammissjoni (minn issa 'l quddiem indikat bħala "l-Kumitat") li ser ikollu, b'mod partikolari, il-kompitu

a) li jimmonitorja l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

b) li jiddeċiedi fuq l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni uniformi ta' dan il-Ftehim;

c) li jkollu skambji regolari ta' l-informazzjoni dwar il-Protokolli ta' implimentazzjoni li jkunu saru minn Stati Membri individwali u l-Moldova skond l-Artikolu 19;

d) li jirrakomanda emendi għal dan il-Ftehim u l-Annessi tiegħu.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-kumitat għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti.

(3) Il-kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u l-Moldova; il-Komunità tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni.

(4) Il-kumitat għandu jiltaqa' meta meħtieġ fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti.

(5) Il-kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 19

Protokolli ta' implimentazzjoni

(1) Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Moldova, il-Moldova u Stat Membru għandhom i ħejju Protokoll ta' implimentazzjoni li jkopri regoli dwar

a) it-titolu ta' l-awtoritajiet kompetenti, il-punti tal-qsim tal-fruntiera u l-punti ta' l-iskambju tal-kuntatt;

b) il-modalitajiet tar-ritorn taħt il-proċedura aċċellerata;

c) il-kundizzjonijiet ta' trasferimenti skortati, inkluż it-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jsiru bi skorta;

d) metodi u dokumenti addizzjonali għal dawk elenkati fl-Annessi 1 sa 4 ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Protokolli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ biss wara li l-kumitat tar-riammissjoni, imsemmi fl-Artikolu 18, ikun ġie notifikat.

(3) Il-Moldova taqbel li kwalunkwe dispożizzjoni ta' Protokoll ta' implimentazzjoni mag ħmul ma' Stat Membru partikolari għandha tiġi applikata wkoll fir-relazzjonijiet tagħha ma' kwalunkwe Stat Membru ieħor fuq talba minn dan ta' l-aħħar.

Artikolu 20

Relazzjoni mal-ftehimiet bilaterali ta' riammissjoni

jew arranġamenti ta' l-Istati Membri

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom ikollhom preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim jew arranġament bilaterali dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni li jkun ġie jew jista' jiġi konkluż, taħt l-Artikolu 19, bejn Stati Membri individwali u l-Moldova, u dan safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar ikunu inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Ftehim.

Taqsima VIII. Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21

Applikazzjoni territorjali

(1) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju tal-Moldova u għat-territorju li fih it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huwa applikabbli.

(2) Dan il-Ftehim m'għandux japplika għat-territorju tar-Renju tad-Danimarka.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ, terminu ta' żmien u tmiem

(1) Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-pro ċeduri rispettivi tagħhom.

(2) Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data ta' meta l-Partijiet Kontraenti jkunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija fl-ewwel paragrafu jkunu ġew konklużi.

(3) Dan il-Ftehim huwa konkluż għal żmien mhux limitat.

(4) Kull Parti Kontraenti tista' twaqqaf dan il-Ftehim billi b'mod uffiċjali tinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra. Dan il-Ftehim ma jibqax applikabbli wara sitt xhur mid-data ta' dik in-notifika.

Artikolu 23

Annessi

L-Anness 1 sa 6 għandhom jagħmlu parti integrali minn dan il-Ftehim.

Magħmul fi … fil- … ta' … fis-sena … b'mod duplikat bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Moldovan, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, u l-Iżvediż, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea	Għar-Repubblika tal-Moldova
(…)	(…)

Anness 1

Lista komuni ta' dokumenti

li l-preżentazzjoni tagħhom hija meqjusa prova tan-nazzjonalità

(Artikoli 2 (1), 4 (1) u 8 (1))

– passaporti ta' kwalunkwe għamla (passaporti nazzjonali, passaporti diplomatiċi, passaporti tas-servizz u, fejn applikabbli, passaporti kollettivi u passaporti surrogati inklużi passaporti tat-tfal);

– karti ta' l-identità ta' kwalunkwe għamla;

– kotba ta' reġistrazzjoni tal-baħħara u karti tas-servizz tal-kaptani;

– ċertifikati ta' ċittadinanza u dokumenti uffiċjali oħra li jsemmu jew jindikaw b'mod ċar iċ-ċittadinanza.

Anness 2

Lista komuni ta' dokumenti

li l-preżentazzjoni tagħhom hija meqjusa bħala

prova *prima facie* tan-nazzjonalità

(Artikoli 2 (1), 4 (1) u 8 (2))

– fotokopji ta' kwalunkwe mid-dokumenti elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim;

– kotba tas-servizz militari u karti ta' l-identità militari;

– dikjarazzjonijiet uffiċjali magħmula għall-finijiet tal-proċedura aċċellerata mill-persunal ta' l-awtorità tal-fruntiera jew xhieda li jistgħu jixhdu li l-persuna kkonċernata qasmet il-fruntiera;

– liċenzji tas-sewqan jew fotokopji tagħhom;

– ċertifikati tat-twelid jew fotokopji tagħhom;

– karti ta' l-identità ta' kumpanniji jew fotokopji tagħhom;

– dikjarazzjonijiet bil-miktub minn xhieda;

– dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persuna kkonċernata u l-lingwa minnu jew minnha mitkellma, inkluż permezz ta' riżultat ta' eżami uffiċjali;

– kwalunkwe dokument ieħor li jista' jgħin sabiex tiġi stabbilita n-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata.

Anness 3

Lista komuni ta' dokumenti

li huma kkunsidrati prova tar-raġunijiet għar-

riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(Artikoli 3 (1), 5 (1) u 9 (1))

– viża jew permess ta' residenza maħruġ mill-Istat Mitlub;

– timbri tad-dħul/tluq jew endorsjar simili fid-dokument ta' l-ivvjaġġar tal-persuna kkonċernata jew provi oħra tad-dħul/tluq (eż. fotografiċi);

– dokumenti bl-isem, ċertifikati jew fatturi ta' kwalunkwe tip (eż. kont ta' lukanda, karti ta' appuntament ma' tobba/dentisti, karti tad-dħul għal istituzzjonijiet pubbliċi/privati, ftehimiet ta' kiri ta' vetturi, irċevuti tal-karti ta' kreditu eċċ.) li juru b'mod ċar li l-persuna kkonċernata kienet fit-territorju ta' l-Istat Mitlub;

– biljetti bl-isem, u/jew listi ta' passiġġieri bl-ajru, bil-ferrovija, bil-kowċ jew b'bastiment li juru l-preżenza u l-itinerarju tal-persuna kkonċernata fit-territorju ta' l-Istat Mitlub;

– dikjarazzjonijiet uffiċjali magħmula minn persunal ta' l-awtorità tal-fruntiera li jistgħu jixhdu li l-persuna kkonċernata qasmet il-fruntiera;

Anness 4

Lista komuni ta' dokumenti

li huma kkunsidrati prova *prima facie* tar-raġunijiet

għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(Artikoli 3 (1), 5 (1) u 9 (2))

– informazzjoni li turi li l-persuna kkonċernata użat is-servizzi ta' kurjer jew aġenzija ta' l-ivvjaġġar;

– dikjarazzjoni uffiċjali fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi mill-persuna kkonċernata, il-membri tal-familja jew persuni li jivvjaġġaw magħha;

– dikjarazzjonijiet uffiċjali magħmula minn xhieda li jistgħu jixhdu li l-persuna kkonċernata qasmet il-fruntiera;

– informazzjoni marbuta ma' l-identità u/jew persuna li ġiet ipprovduta minn organizzazzjoni Internazzjonali (eż. il-UNHCR);

Anness 5



[Emblema tar-Repubblika tal-Moldova]

....
....
....
....
..…… ....……..
…

(Post u data)

.....……
……..…

(Titolu ta' l-awtorità li tag ħmel it-talba)

Referenza: .....……

Għal

.....… **PROĊEDURA AĊĊELLERATA**
……..…

.....…
……..…

.....……
……

(Titolu ta' l-awtorità mitluba)

APPLIKAZZJONI GĦAL RIAMMISSJONI

skond l-Artikolu 7 tal-Ftehim tal-…..... bejn

il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

A. Dettalji Personali

1. Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....

2.Kunjom ix-xbubija:

.....

3.Data u post tat-twelid:

.....

Ritratt

4. Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

.....

5. Magħruf/a wkoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom huwa/hija magħruf/a jew psewdonimi):

.....

6. Nazzjonalità u lingwa:

.....

7.Status ċivili: miżżewweġ/miżżewġa għażeb/xebba divorzjat/a armel/armla

Jekk miżżewweġ/miżżewġa: isem tal-konjugi.....

Ismijiet u etajiet tat-tfal (jekk hemm).....

.....

.....

.....

8. L-aħħar indirizz fl-Istat li jagħmel it-talba:

.....

B.Dettalji personali tal-konjugi (Jekk applikabbli)

1.Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):.....

2.Kunjom ix-xbubija:.....

3.Data u post tat-twelid:.....

4. Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

……

5. Magħruf/a wkoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom huwa/hija magħruf/a jew psewdonimi):

.....

6.Nazzjonalità u lingwa:

.....

C.Dettalji personali tat-tfal (Jekk applikabbli)

1.Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):.....

2.Data u post tat-twelid:.....

3.Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

……

4.Nazzjonalità u lingwa:

.....

D.Ċirkostanzi speċjali dwar il-persuna li qed tiġi trasferita

1.Stat ta' saħħa

(Eż. referenza possibbli għal kura medika speċjali; isem Latin tal-marda li tittieħed):

.....

2.Indikazzjoni ta' persuna partikolarment perikoluża

(eż. suspettata b'reat serju; imġiba aggressiva):

.....

E.Mezzi ta' prova mehmuża

1..... .....

(Nru. tal-Passaport) (data u post tal-ħruġ)

....

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

2..... .....

(Nru. tal-karta ta' l-identità) (data u post tal-ħruġ)

....

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

3..... .....

(Nru. tal-liċenzja tas-sewqan) (data u post tal-ħruġ)

....

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

4..... .....

(Nru. ta' dokument uffiċjali ieħor) (data u post tal-ħruġ)

....

(awtorità li toħroġ id-dokument) (data ta' l-iskadenza)

F.Osservazzjonijiet

.....

.....

.....

.....

(Firma) (Siġill/timbru)

Anness 6



[Emblema tar-Repubblika tal-Moldova]

.....	.....
.....	.....
.....	.....
.....	.....
..……	.....……
…	…

(Post u data)

.....
……..

(Titolu ta' l-awtorità li tag ħmel it-talba)

Referenza

.....……

Għal

.....…
…….

.....…
……

.....
……

(Titolu ta' l-awtorità mitluba)

TALBA GĦAL TRANŻITU

skond l-Artikolu 14 tal-Ftehim tal-…..... bejn

il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni

A. Dettalji personali

Ritratt

1.Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....

2.Kunjom ix-xbubija:

.....

3.Data u post tat-twelid:

.....

4.Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

……
…….

5.Magħruf/a ukoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra użati/li bihom magħruf/a jew psewdonimi):

.....……
…….……

6.Nazzjonalità u lingwa:

.....……
……..

7.Tip u numru tad-dokument ta' l-ivvjaġġar:

.....……

B.Jekk meħtieġ, ċirkostanzi speċjali dwar il-persuna trasferita

1.Stat ta' saħħa

(Eż. referenza possibbli għal kura medika speċjali; isem Latin tal-marda li tittieħed):

.....

2.Indikazzjoni ta' persuna partikolarment perikoluża

(eż. suspettata b'reat serju; imġiba aggressiva):

.....]

C. Operazzjoni ta' tranżitu

1. Tip ta' tranżitu

- ❑ Bl-ajru
- ❑ fuq l-art

2. L-Istat tad-destinazzjoni finali

……
……..

3.Stati oħra ta' tranżitu li jista' jkun hemm

……
……

4.Il-punt propost tal-qsim tal-fruntiera, id-data proposta, il-ħin tat-trasferiment propost u l-iskorti li jista' jkun hemm

……
……

……
……

……
……

5.Ammissjoni garantita fi kwalunkwe Stat ieħor ta' tranżitu u fl-Istat tad-destinazzjoni finali
(L-Artikolu 13 paragrafu 2)

- ❑ iva
- ❑ le

6.Għarfien ta' kwalunkwe raġuni għal ċaħda ta' tranżitu
(L-Artikolu 13 paragrafu 3)

- ❑ iva
- ❑ le

D.Osservazzjonijiet

.....
...……

.....
...……

.....
...……..

.....……
…….……..

.....

(Firma) (Siġill/timbru)

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna lid-Danimarka

"Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li dan il-Ftehim ma japplikax għat-territorju tar-Renju tad-Danimarka, u lanqas ma japplika għaċ-ċittadini tar-Renju tad-Danimarka. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li r-Repubblika tal-Moldova u d-Danimarka jikkonkludu ftehim dwar riammissjoni fl-istess termini ta' dan il-Ftehim."

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna l-Iżlanda

"Il-Partijiet Kontraenti jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 dwar l-assoċjazzjoni ta' dan il-pajjiż ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li r-Repubblika tal-Moldova tikkonkludi ftehim dwar riammissjoni ma' l-Iżlanda fl-istess termini ta' dan il-Ftehim."

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna n-Norveġja

"Il-Partijiet Kontraenti jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 dwar l-assoċjazzjoni ta' dan il-pajjiż ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li r-Repubblika tal-Moldova tikkonforma l-ftehim dwar riammissjoni man-Norveġja tal-31 ta' Marzu 2005 mat-termini tal-Ftehim preżenti.

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna lill-Iżvizzera

Il-Partijiet Kontraenti jinnotaw li l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera ffirmaw ftehim dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Iżvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen. Huwa xieraq li, meta dan il-ftehim jidħol fis-seħħ, ir-Repubblika tal-Moldova tikkonforma l-ftehim ta' riammissjoni ma' l-Iżvezzera ffirmat fis-6 ta' Novembru 2003 mat-termini ta' dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikoli 3 (1) u 5 (1)

Il-Partijiet jaqblu li persuna tkun "dieħla direttament" mit-territorju tal-Moldova skond it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet jekk din il-persuna tasal fit-territorju ta' l-Istat Membru mingħajr ma tkun daħlet f'pajjiż terz waqt li tkun ġejja, jew, fejn l-Istat Mitlub ikun wieħed mill-Istati Membri, tasal fit-territorju tal-Moldova, mingħajr ma tkun daħlet f'pajjiż terz waqt li tkun ġejja. Waqfien ta' tranżitu ta' l-ajru f'pajjiż terz ma jkunx ikkunsidrat bħala dħul.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar Għajnuna Teknika u Finanzjarja

Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jimplimentaw dan il-Ftehim skond il-prinċipji ta' responsabbiltà konġunta, solidarjetà u sħubija ugwali fil-ġestjoni tal-flussi migratorji bejn il-Moldova u l-UE.

F'dan il-kuntest, il-KE hija kommessa tagħmel disponibbli riżorsi finanzjarji sabiex tgħin lill-Moldova fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Waqt li qed isir dan, se tingħata attenzjoni speċjali lill-bini tal-kapaċità. Din l-għajnuna għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tal-prijoritajiet ġenerali ta' l-għajnuna lill-Moldova, bħala parti mill-iffinanzjar ġenerali disponibbli għall-Moldova u b'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri rilevanti ta' implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna tal-KE.